**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat : Dr. Noel Cuschieri LLd. Mag. Jur.**

***Il-Pulizija***

***Spettur Neil Harrison***

***Vs***

***Simeon Nicholas Sultana***

Illum 1 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat – semghet – Ikkunsidrat

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Simeon Nicholas Sultana huma bazati fuq ir-reati ta' Kultivazzjoni tal-pjanta Cannabis, u Pussess Illegali tal-pjanta tal-istess droga u tar-raza mehuda mill-istess pjanta – referribbilment ghal-5 ta' Awissu 1996,

***Kwadru tal-fatti***

Fuq informazzjoni anonima li rceviet il-pulizija f'Awissu 96 fis-sens li fil-Wied ta' Garnaw, limiti ta' Santa Lucija kien hemm pjanti tal-cannabis mohbija that sigar tal-cactus. Il-Pulizija immedjatament poggiet il-post that osservazzjoni u fis-6 ta' Awissu ghal habta tas-2.00 pm. il-pulizija osservaw lill-imputat jidhol gol-ghalqa in kwistjoni, osservawh jhares madwaru waqt li kien qed jghamel l-awrini f' nofs l-ghalqa, imbaghad osservawh jidhol that il-cactus. Il-pulizija interveniet u segwietu fil-post fejn dahal. Taht il-cactus kien hemm spazju, speci ta' kamra zghira, li go fih kien hemm **tlett xtieli** tal-pjanta tal-cannabis. Meta dahhlu l-pulizija, huma raw lill-imputat **ihares lejn dawn il-pjanti**. Ma rrizultax li **l-imputat kellu xi haga f' idejh**, **la qabel** ma dahal that il-cactus

u **<u>lanqas meta kien gewwa</u>** vicin il-pjanti. Dak il-hin l-imputat inhasad, u meta l-pulizija talbuh spjegazzjoni , huwa **dak il-hin stess** qallhom li huwa kien skopra dawn il-pjanti xi granet ilu, u cahad li kienu tieghu. Qallhom ukoll li kien qal lil ommu bihom bl-iskop li tghamel rapport lill-pulizija.

Illi mill-provi rrizulta li l-familja tal-imputat ghandhom farm bit-tigieg faccata tal-ghalqa fejn jinsabu l-pjanti. Saret tficcija fir-residenza tal-imputat u mill-kamra tieghu l-pulizija elevat recipient li kien fih ftit frak ahdar.

***<u>Droga</u>***

Illi mir-relazzjoni forensika rrizulta li t-tlett l-pjanti kienu tal-*cannabis sativa* f' ammont totali ta' **22.2 grammi**. Illi fuq ir-recipjent kien hemm frak ossia **tracci** tal-cannabis.

***<u>L-imputat</u>***

Illi kemm fuq il-post tas-sejba tal-pjanti, kif ukoll fl-istqarrija tieghu lill-pulizija, l-imputat cahad kategorikament li dawk il-pjanti kienu tieghu. Huwa sostna li hu kien skopra bl-esistenza taghhom xi granet qabel, izda ma marx jirrapporta lill-pulizija *'Ghax ma ridtx nidhol f' basal' (fol.19)* . Huwa pero' kien qal lil ommu bihom. Fl-istqarrija tieghu huwa qal li meta nforma lil ommu bihom, dina '*bdiet tibza, ma rieditx tidhol f' basal u qaltli tersaqx l' hemm' (fol.20).*

Dan il-fatt, allegat *a tempo vergine* gie wkoll ikkonfermat bil-gurament minn ommu fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti. Din ix-xhud qalet li huwa minnu li setghet tghamel rapport anonimu lil pulizija, imma hija xorta bezat tghamel dan ghax *'jien nahseb li xorta jkun jafu minn fejn iccempel'(fol.105).* Hija xehdet li fuq il-post, li jigi faccata tal-farm taghhom, kienu jinnotaw nies li jabbuzaw bid-droga bil-konsum diehlin fil-post fejn instabu il-pjanti. Kienu wkoll isibu numru ta' siringi mxerrdin mal-art, izda dina xorta ma rraportax il-pulizija ghax kienet tibza li jghamlulhom xi azzjoni hazina. Il-kontenut tad-deposizjoni ta' omm l-imputat in sostanza issib konfort fix-xhieda tar-ragel taghha, li jigi missier l-imputat.

***<u>Konsiderazzjoni tal-Qorti</u>***

Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun **cara u univoka** fis-sens li twassal **necessarjament,** u f'kuntest ta' dak li hu **ragjonevoli**, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l-prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq **cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, <u>ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra</u> ghajr dik tas-sejbien ta' htija**. *Multo magis* meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il-kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima *'in dubbio pro reo'* u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.

Dawn il-konsiderazzjonijiet guridici huma relevanti u determinanti ghall-finijiet tal-kaz odjern, stante li f' dan il-kaz, il-prosekuzjoni qeda tistrih fuq il-prova indizzjarja sabiex tistabilixxi *nexus criminis* bejn l-imputat u l-pjanti misjuba. L-elementi ta' prova li qeda tistrih fuqhom il-prosekuzjoni huma s-segwenti :

1. **Is-sejba tax-xtieli** go ghalqa;

2. Il-fatt provat li l-imputat **dahal fil-post fejn kien hemm dawn ix-xtieli**;

3. Il-fatt li l-imputat kien **ilu jaf bl-esistenza taghhom** ghal xi granet, akkumpanjat mal-fatt li naqas li jghamel rapport lill-pulizija; u

4. Il-fatt li f' recipient elevat **mid-dar tal-imputat insabu tracci tal-cannabis**.

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatti jghatu lok fil-konfront tal-imputat ghal-**<u>suspetti izda xjen aktar</u>**. Dawn il-fatturi ma jwasslux necessarjament ghall-konkluzjoni li x-xtieli kienu tieghu, wisq anqas li kkoltivahom hu. Il-Qorti tosserva li t-tesi tal-prosekuzzjoni tinsab indebbolita fis-segwenti konsiderazzjonijiet :

1. Illi l-imputat ma kellu **ebda konnessjoni mal-ghalqa** fejn instabu l-pjanti;

2. Illi meta l-pulizija osservat lill-imputat jdhol fl-ghalqa, jghamel l-awrina u imbaghad jidhol fejn il-pjanti, **l-imputat ma kellu xejn f’ idu**. *Aliter* li kieku sabu xi oggett f’ idu bhala flixkun tal-ilma, li seta’ serva sabiex jistabilixxi *nexus* bejn il-pjanti u l-imputat.

3. Il-fatt li meta l-pulizija dahhlu fuq l-imputat, dana ma kien qed jghamel xejn, **hlief ihares lejn il-pjanti**. Din u l-konsiderazzjoni precedenti issahhah il-versjoni tieghu li huwa kien mar fejnhom biex **jarahom biss**.

Illi l-versjoni li l-imputat ta dak il-hin stess fuq il-post kienet li dawk ma kienux tieghu u kien mar hemm biex jarahom biss u qal li kien qal lil ommu bl-esistenza taghhom – dan l-ahhar fatt gie kkorroborat minn ommu. F’ dan ir-rigward il-Qorti tosserva li <u>ma hux verosimili li persuna li tikkultiva hi x-xtieli ta’ droga, jew li jkollha fil-pussess taghha dawn ix-xtieli, tmur tghid l-ommu bihom u fil-post fejn qeghdin</u> – bir-riskju li dina tghamel rapport lill-pulizija u b’ hekk jidhol f’ hafna inwiet.

Illi l-fatt li la l-imputat ma ghamel rapport lill pulizija u lanqas ommu ma hux fattur inkriminatorju, u lanqas necessarjament jwassal ghall-konkluzjoni li x-xtieli kienu tieghu. Ir-raguni li taw kemm l-imputat kif ukoll ommu ghaliex naqqsu li jirraportaw il-fatt lill-pulizija hija *verosimili u accettabbli bhala spjegazzjoni – multo magis* meta dawna ghandhom il-farm taghhom faccata ta’ din l-ghalqa.

Illi l-fatt li fid-dar tal-imputat instab recipient bi tracci tal-cannabis ma jimmilitax kontra l-versjoni tal-imputat. L-ewwel nett, il-frak li instab ghand l-imputat kien kannella, u mhux ahdar u ghalhekk differenti mill-kulur tal-pjanti li nstabu; u fit-tieni lok ma giet stabbilita ebda *nexus* bejn il-frak misjub u l-pjanta. Il-t-tracci tal-cannabis li nstabu fuq recipient elevat mill-kamra tal-imputat jwasslu ghall-konkluzjoni li l-imputat f’ xi zmien kien abbuza mill-cannabis bil-konsum, izda certament ma jwasslux ghar-reat ta’ kultivazzjoni jew pussess tax-xtieli misjuba.

***Konkluzjoni***

Stabbilit is-suespost, il-Qorti tirrileva li suspetti u kongetturi, *per se,* minghajr provi konkreti, ma jistghux iwasslu ghas-sejbien ta' htija, ghax ma jistghu qatt, wehdhom, jirradikaw responsabilita' kriminali. Ghaldaqstant fil-kaz in disamina, il-Qorti hija tal-fehma li, filwaqt li r-reat ta' **Pussess Illegali (semplici) tar-raza** mehuda mill-pjanta tal-cannabis jikkonfigura, l-akkuzi l-ohra bazati fuq ir-reati ta' Pussess Illegali tal-pjanta tal-cannabis u **Koltivazzjoni** tal-istess ma jistghux ireggu.

***Piena***

Illi in propositu ghal piena l-Qorti tosserva li, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputat u l-fatt li d-droga misjuba kienet f' forma ta' tracci, hija tal-fehma li ghandha takkorda lill-imputat il-beneficju tal-liberta' kondizzjonata.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza tal-cannabis ai termini tar-Regolament 8 GN 292/39, izda ***tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tnax il-xahar*** skond l-Art.9 tal-Kap.152 li s-sinifikat u l-import tieghu gie spjegat minn din il-Qorti f' terminii cari skond il-ligi.

Illi tordna li l-imputat ihallas is-somma ta' LM12 rapprezentati terz mill-ispejjez tar-rapport forensiku dok. AM a tenur tal-Artikolu 533 Kap.9

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi mghamula kontra tieghu u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***